



**Stqarrija għall-Istampa**  
Il-Lussemburgu, it-28 ta' Settembru 2021

# Il-politiki tal-UE ma jistgħux jiżguraw li ma jkunx hemm użu żejjed tal-ilma min-naħa tal- bdiewa

Skont rapport speċjali li ġie ppubblikat illum mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), il-politiki tal-UE ma jistgħux jiżguraw li l-bdiewa jużaw l-ilma b'mod sostenibbli. L-impatt tal-agrikoltura fuq ir-riżorsi tal-ilma huwa kbir u inkontestabbli. Iżda l-bdiewa jibbenefikaw minn wisq eżenzjonijiet mill-politika tal-UE dwar l-ilma u dawn ifixklu l-isforzi biex jiġi żgurat li l-ilma jintuża b'mod tajjeb. Barra minn hekk, il-politika agrikola tal-UE tippromwovi u spiss wisq tappoġġa użu akbar tal-ilma milli użu aktar effiċjenti.

Il-bdiewa huma fost l-akbar konsumaturi ta' ilma ħelu: l-agrikoltura hija responsabbli għal kwart tal-astrazzjoni kollha tal-ilma fl-UE. L-attività agrikola taffettwa kemm il-kwalità tal-ilma (eż. tniġġis minn fertilizzanti jew pestiċidi) kif ukoll il-kwantità tal-ilma. L-approċċ attwali tal-UE għall-ġestjoni tal-ilma jmur lura għad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (WFD) tas-sena 2000, li introduċiet politiki relatati mal-użu sostenibbli tal-ilma. Hija stabbiliet mira li jinkiseb stat kwantitattiv tajjeb għall-korpi tal-ilma kollha madwar l-UE. Il-politika agrikola komuni (PAK) għandha wkoll rwol importanti fir-rigward tas-sostenibbiltà tal-ilma. Hija toffri għodod li jistgħu jgħinu biex jitnaqqsu l-pressjonijiet fuq ir-riżorsi tal-ilma, bħall-irbit tal-pagamenti ma' prattiki aktar ekoloġiċi u l-finanzjament ta' infrastruttura tat-tisqija aktar effiċjenti.

*"L-ilma huwa riżorsa limitata, u l-futur tal-agrikoltura tal-UE jiddependi fil-biċċa l-kbira minn kemm il-bdiewa jużawh b'mod effiċjenti u sostenibbli"* qalet Joëlle Elvinger, il-Membrija tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. *"Sa issa, madankollu, il-politiki tal-UE ma għenux biżżejjed biex jitnaqqas l-impatt tal-agrikoltura fuq ir-riżorsi tal-ilma."*

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu).

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg  
E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

Id-WFD tipprovdi salvagwardji kontra l-użu mhux sostenibbli tal-ilma. Iżda l-Istati Membri jagħtu għadd kbir ta' eżenzjonijiet lill-agrikoltura, li jippermettu l-astrazzjoni tal-ilma. L-awdituri sabu li dawn l-eżenzjonijiet jingħataw b'mod ġeneruż lill-bdiewa, inkluż f'reġjuni taħt stress idriku. Fl-istess ħin, xi awtoritajiet nazzjonali rarament japplikaw sanzjonijiet għall-użu illegali tal-ilma identifikat minnhom. Id-WFD tirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jħaddnu l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas. Iżda l-ilma jibqa' irħas meta jintuża għall-agrikoltura, u ħafna Stati Membri għadhom ma jirkuprawx l-ispiża għas-servizzi tal-ilma fl-agrikoltura kif jagħmlu f'setturi oħra. L-awdituri jindikaw li l-bdiewa spiss ma jiġux fatturati għall-volum reali ta' ilma li jużaw.

Skont il-PAK, l-għajjnuna li tingħata mill-UE lill-bdiewa fil-biċċa l-kbira mhijiex kontinġenti fuq il-konformità mal-obbligi li jinkoraġġixxu l-użu effiċjenti tal-ilma. Xi pagamenti jappoġġaw għelejjel b'użu intensiv tal-ilma, bħal ross, lewż, frott u ħxejjex, mingħajr restrizzjoni ġeografika, li jfisser anki f'żoni taħt stress idriku. U l-awdituri josservaw li l-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità tal-PAK (jiġifieri pagamenti li huma kundizzjonali fuq ċerti obbligi ambjentali) bilkemm għandu effett. Ir-rekwiżiti ma japplikawx għall-bdiewa kollha u, fi kwalunkwe każ, l-Istati Membri ma jwettqux biżżejjed kontrolli u verifikazzjonijiet xierqa biex verament jiskoraġġixxu l-użu mhux sostenibbli tal-ilma.

Minbarra l-pagamenti diretti, il-PAK tiffinanzja wkoll investimenti mill-bdiewa jew Prattiki Agrikoli bħal miżuri għaż-żamma tal-ilma. Dawn jista' jkollhom impatt pożittiv fuq l-użu tal-ilma. Iżda l-bdiewa rarament jieħdu vantaġġ minn din l-opportunità u l-programmi tal-iżvilupp rurali ftit li xejn jappoġġaw l-infrastruttura għall-użu mill-ġdid tal-ilma. L-immodernizzar tas-sistemi ta' tisqija eżistenti wkoll mhux dejjem jinvolvi ffrankar tal-ilma, peress li l-ilma ffrankat jista' jiġi dirett mill-ġdid lejn għelejjel b'użu aktar intensiv tal-ilma jew it-tisqija f'żona akbar. Bl-istess mod, l-installazzjoni ta' infrastruttura ġdida li testendi l-erja saqwija x'aktarx li żżid il-pessjoni fuq ir-riżorsi tal-ilma ħelu. L-awdituri jgħidu li, b'mod ġenerali, l-UE ċertament iffinanzjat azjendi agrikoli u proġetti li jimminaw l-użu sostenibbli tal-ilma.

## Informazzjoni ġenerali

Ir-Rapport Speċjali Nru 20/2021: "L-użu sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura: huwa aktar probabbli li l-fondi tal-PAK jipromwovu użu akbar tal-ilma milli użu aktar effiċjenti" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA ([eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)) bi 23 lingwa tal-UE.

Reċentement il-QEA ħarġet rapporti dwar suġġetti relatati bħall-[agrikoltura u t-tibdil fil-klima](#), il-[bijodiversità agrikola](#), [l-użu tal-pestiċidi](#) u [l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas](#). Fil-bidu ta' Ottubru, se tippubblika wkoll rapport dwar il-bijodiversità fil-foresti tal-UE.

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet ikkonċernati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li jsiru fir-rapporti jiddaħħlu fil-prattika.

## Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu)

- Vincent Bourgeois: [vincent.bourgeois@eca.europa.eu](mailto:vincent.bourgeois@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 551 502
- Claudia Spiti: [claudia.spiti@eca.europa.eu](mailto:claudia.spiti@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 553 547